

## IT-TRIBUNAL GHAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef uniku) tas-27 ta' Ottubru 2015 – Labiri vs Il-Kumitat tar-Reġjuni**

(Kawża F-81/14) <sup>(1)</sup>

**[Servizz pubbliku — Uffiċjali — Proċedura ta' promozzjoni 2013 — Deċiżjoni li r-rikorrenti ma tiġix promossa — Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — Paragun tal-merti]**

(2015/C 406/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Vassilliki Labiri (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: inizjalment J.-N. Louis, D. de Abreu Caldas u R. Metz, avukati, sussegwentement J.-N. Louis, R. Metz, N. de Montigny, D. Verbeke u T. Van Lysebeth, avukati)

Konvenut: Il-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. C. Cañoto Argüelles u S. Bachotet, aġenti, inizjalment assistiti minn B. Cambier u G. Ladrière, avukati, sussegwentement minn B. Cambier u T. Cambier, avukati)

### **Suġġett tal-kawża**

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrenti ma tiġix promossa għall-grad segwenti (AD 13) fil-kuntest tal-proċedura ta' promozzjoni 2013 tal-Kumitat tar-Reġjuni.

### **Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) V. Labiri għandha tbat i-l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU C 388, 3.11.2014, p. 32.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' Ottubru 2015 – Xenakis vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-52/15) <sup>(1)</sup>

**[Servizz pubbliku — Uffiċjali — Irtirar volontarju — Età tal-irtirar — Talba għal estensjoni tas-servizz — Artikolu 52, it-tieni paragrafu tar-Regolamenti tal-Persunal — Rifjut ta' estensjoni tal-peri jodu ta' servizz — Interess tas-servizz]**

(2015/C 406/46)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### **Partijiet**

Rikorrent: Yannis Xenakis (Woluwe-Saint-Pierre, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Ehrbar, aġenti)